**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 155/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Leli (Emanuel) Bonanno**

Illum, 24 ta' Settembru 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant, Leli (Emanuel) Bonanno, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 628262M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fil-ħdax (11) ta' Mejju 2020 bejn il-ħin ta' l-10:00 hrs u id-21:00 hrs, ġewwa *Sunset*, Triq l-Iskalora, Ħaż-Żebbuġ:

1. Mingħajr ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu innifsu lil George Falzon iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil George Falzon fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lil Leli (Emanuel) Bonanno ħati tal-imputazzjoni

miġjuba kontrih u lliberatu bil-kondizjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi zmien sitt (6) xhur skont l-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti fisret is-sentenza lil ħati skont l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ukoll, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li min għamel reat jikkonforma ruħu mal-liġi.

Rat ir-rikors tal-appellant, Emanuel Bonanno, ppreżentat fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju 2021, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u b'hekk tillibera lill-appellant minn kull akkuża.

Rat l-aggravju imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-uniku aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta li minkejja diverġenzi fil-verżjonijiet mogħtija mill-kwerelanti biex b'hekk kien hemm kunflitt fil-provi ċar, l-Ewwel Qorti sabet ħtija xortawaħda kontra l-istess appellant. Dan ifisser illi l-ilment ewlieni imqanqal mill-appellant huwa marbut mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. F'dan il-kuntest tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluz id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun

f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]

Illi preliminarjament l-appellant jilmenta illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi sal-grad rikejst minnha fil-liġi illi l-allegat kummissjoni tar-reat seħħ fid-data indikata fiċ-ċitazzjoni. L-appellant jiġi mixli li allegatement wettaq ir-reat mertu tal-każ nhar il-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) bejn il-ħin ta' l-għaxra ta' filgħodu (10.00hrs) u d-disgħa ta' filgħaxija (21.00hrs). Illi l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali fis-subinċiż tnejn (2) tiegħu ifassal ir-rekwiżiti li għandu jkun fiha iċ-ċitazzjoni:-

> **"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien[2] u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."**

Illi, huwa paċifiku li dawn ir-rekwiżiti għandhom iservu biss sabiex l-imputat jkollu idea ċara dwar in-natura ta'l-akkuża lilu addebitata u allura sabiex huwa jiġi ppreparat f'ewwel jum tas-smiegħ bid-difiża tiegħu. Madanakollu, tajjeb jingħad li nuqqas ta' xi rekwiżit minn dawn imsemmija ma jwassalx għan-nullita taċ-ċitazzjoni u dana għaliex il-Liġi tippermetti wkoll li ssir id-debita korrezzjoni f'dan is-sens diment li l-imputat ikun ingħata żmien biżżejjed sabiex jirregola d-difiża tiegħu fid-dawl ta' din il- korrezzjoni. Illi, dan ifisser li ġaladarba l-persuna mħarrka tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali taċ-ċitazzjoni tkun giet ezawrita. Pero', l-istess ma jistax jingħad meta ċ-ċitazzjoni jkun fiha informazzjoni għal dak li jirrigwarda l-partikolaritajiet tal-ħin, lok u żmien li jkunu jikkuntrastaw ma' dak li jemerġi mill-provi li jinstemgħu waqt il-mori tal-kawża, u dan speċjalment meta l-Prosekuzzjoni

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.
[2] Sottolinear tal-Qorti.

ma tkunx talbet korrezzjoni tal-istess ċitazzjoni sabiex din tirrifletti l-fattispecie tal-kawża in kwistjoni.

Illi, għalhekk, minkejja li l-funzjoni taċ-ċitazzjoni hija biss ta' *avviso di comparire* u l-Liġi tikkonċedi impreċiżjonijiet li jistgħu jiġu sanati b'sempliċi korrezzjoni magħmula fil-mori tal-kawża, madanakollu l-Prosekuzzjoni hija mistennija li tressaq dawk il-provi kollha, u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li jissostanzjaw id-dettalji ta' żmien, lok u ħin li fihom allegatament ikun ġie kommess ir-reat.

Illi minn eżami tal-atti proċesswali jemerġi illi d-data tal-11 ta' Mejju 2020, meta allegatament tqaċċat il-pajp ta'l-ilma proprjeta tal-parti offiża toħroġ mir-rapport PIRs[3] li sar mill-pulizija bejn wieħed u ieħor tlett xhur wara li seħħ l-allegat att inkriminatorju. Illi imbaghad din l-istess data tġi indikata fl-affidavit redatt minn PC 768 B. Farrugia[4]. Issa jidher illi din id-data hija marbuta ma' telefonata li kienet saret allegatament f'dak il-jum mill-pulizija lil parti offiza u dan wara rapport li kien sarilhom mill-appellant. Il-parti offiza jikkontendi illi waqt li kien fuq it-telefon mal-pulizija sema' xi ħsejjes fil-bitħa interna tal-proprjeta' tiegħu u meta ittawwal ra lill-appellant iqaċċat il-pajpijiet. Fil-fatt kemm il-PIRs kif ukoll l-affidavit jaghmlu referenza għal okkorenza oħra bin-numru 2/D/797/2020, liema okkorenza, madanakollu baqgħet qatt ma ġiet eżebita in atti. Illi imbagħad meta l-istess parte ċivile ħa il-pedana tax-xhieda fis-seduta ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2021, qatt ma ndika d-data preċiza ta' meta seħħ l-allegat inċident. L-unika aċċenn li saret għaz-zmien tal-inċident kien meta stqarr li ilu mingħajr provvista ta'l-ilma "*mit-2020 minn Mejju*" li jindika li l-allegat inċident seħħ f'Mejju tas-sena 2020. Pero' fl-ebda ħin ma jamplifika fuq l-istess jew jagħti data speċifika. Lanqas ir-ritratti u l-filmat li huwa pprezenta quddiem l-Ewwel Qorti ma jikkontjenu prova tad-data u l-ħin li fihom ittieħdu. Dana apparti l-fatt li meta din il-Qorti fliet il-filmat prodott (Dok. GF1) ma jidher xejn ħlief persuna tilwi pajp ġja maqtugħ. Il-mument meta seħħ l-qtugħ tal-pajp in kwistjoni mhux maqbud fl-istess filmat prodott. Jerġa' jingħad,

[3] Fol.3 tal-atti
[4] Fol.13 tal-atti

madanakollu, li tali filmati u ritratti m'għandhomx l-iċken indikazzjoni ta' meta ittieħdu u għaldaqstant il-valur probatorju tagħhom huwa minimu u ma jitfgħu l-ebda xaqq ta' dawl fuq il-kwistjoni ta' meta allegatament seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.

Illi l-istess jista' jingħad għax-xhieda ta' Natasha Fenech, li ħadet il-pedana tax-xhieda nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena 2021[5]. Meta ġiet mistoqsija dwar meta kien sar l-inċident, Natasha Fenech wieġbet hekk – "*Bħal daz-zmien sena*". Għal darb'oħra, ingħatat data approssimattiva, liema data ma tirrispekjax id-data speċifika li hemm imnizzla fiċ-ċitazzjoni.

Illi jingħad finalment li anke jekk *gratia argomenti* kellha tirrizulta l-prova tad-data meta seħħ l-allegat reat, madanakollu lanqas ma ġie ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni illi l-pajp li qaċċat l-appellant kien propju il-pajp ta'l-ilma tal-parti offiża, billi dan huwa miċħud mill-appellant li jistqarr mal-pulizija, meta mitkellem lura fl-10 ta' Awwissu 2020, wara li kien sar ir-rapport minn Falzon, illi huwa kien qatgħa pajp għall-użu tal-gass u mhux dak ta'l-ilma kif allegat. Jingħad ukoll illi f'din l-ammissjoni huwa lanqas ma jindika d-data meta seħħet din l-azzjoni min-naħa tiegħu:

> ***...Bonanno stqarr li hu vera kien qatgħa l-pipe imsemmi, izda dan kien għal uzu tal-Gas u kien qed jitla mill-Garage ta' George għal ġol bitħa tal-familja Ciantar li tiġi fuq il-garage ta' George u kien jgħaddi minn ma' l-appoġġ tiegħu u tal-familja Ciantar. Huwa stqarr li din kienet propjeta tiegħu u ma setgħux iwaħħlu l-affarijiet hemmhekk...***

Illi fuq kollox il-Qorti issib kemmxejn inverosimili il-fatt inkriminatorju allegat mill-parti offiża, li għamel kwazi tlett xhur mingħajr il-provvista ta'l-ilma qabel ma ndenja ruħu jagħmel ir-rapport mal-pulizija. Dan jixħet dubbju serju dwar jekk verament fil-perijodu ta' Mejju 2020, l-allegata azzjoni spoljattiva kommessa mill-appellant kenitx proprju dik li jindika l-parti offiza li wasslet għal qtugħ tal-provvista ta'l-ilma fil-proprjeta' tiegħu. Illi anke mil-filmat eżebit huwa diffiċli għal Qorti tistabbilixxi jekk l-att spoljattiv jikkonċernax proprju l-pajp ta'l-ilma li jindika l-parti

[5] Fol.30 tal-atti

offiża kif minnu allegat. Illi mhux biss, għalkemm jikkontendi fix-xiehda tiegħu illi kienu anke marru l-pulizija fuq il-post li kienu xhieda tal-fatt illi kienet saret il-ħsara fil-pajp ta'l-ilma u għalkemm igħid illi ġab persuna tas-sengħa sabiex ifittex biex jara minn fejn kienet ġejja il-ħsara, madanakollu dawn ix-xhieda qatt ma jitressqu biex jikkonfermaw dak allegat minnu. Ix-xhieda tal-parte ċivile fir-rigward, mhux biss dwar id-data tal-akkadut, iżda wkoll dwar in-natura tal-ispoll li seħħ mill-appellant u l-provi l-oħra skarni li tressaq il-Prosekuzzjoni huma fjakki għall-aħħar u jonqsu milli jwasslu għall-konvinċiment morali, hekk kif tirrikjedi l-Liġi.

Isegwi għalhekk illi din il-Qorti tqies illi l-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti meta sabet ħtija fl-appellant ma kienx wieħed *safe and satisfactory* u dan għaliex il-kaz tal-Prosekuzzjoni ma ġiex ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u ħtija.

Edwina Grima

Imħallef